**Rikors ippreżentat fl-4 ta' Ottubru 2019 – Argyraki vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża T-679/19)**

(2019/C 399/118)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Vassilia Argyraki (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: N. de Montigny, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tat-30 ta' Novembru 2018 meħuda mill-PMO dwar il-mod kif id-drittijiet għall-pensjoni ser jiġu kkalkolati, u b'mod ġenerali, dwar il-mod kif ir-Regolamenti tal-Persunal relatati mad-drittijiet għall-pensjoni ser jiġu applikati fir-rigward tar-rikorrenti mat-tluq għall-irtirar tagħha.

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors kontra d-deċiżjoni tal-Uffiċċju "Amministrazzjoni u Ħlas tal-Intitolamenti Individwali" (PMO) iċċitata iktar 'il fuq, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq in-nuqqas ta' osservanza tat-tagħlim ibbażat fuq il-ġurisprudenza Torné (sentenza tal-14 ta' Diċembru 2018, Torné vs Il-Kummissjoni, T-128/17, EU:T:2018:969),

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikoli 21 u 22 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea,

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq l-inugwaljanza fit-trattament.

---

**Rikors ippreżentat fis-7 ta' Ottubru 2019– Euroapotheca vs EUIPO - General Nutrition Investment (GNC LIVE WELL)**

**(Kawża T-686/19)**

(2019/C 399/119)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Euroapotheca UAB (Vilnius, il-Litwanja) (rappreżentanti: R. Žabolienė, u E. Saukalas, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)